

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Dubek Ltd

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva “20 CLASS A FILTER CIGARETTES Mustang” għal prodotti fil-klassi 34 — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 6 065 098

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* trade mark verbali u figurattiva Ġermaniża “MUSTANG” għal prodotti fil-klassijiet 9, 14, 18 u 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2013 — alfavet Tierarzneimittel vs UASI — Millet Innovation (Epibac)

(Kawża T-613/13)

(2014/C 39/40)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* alfavet Tierarzneimittel GmbH (Neumünster, il-Ġermanja) (rappreżentanti: U. Bender, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Millet Innovation SA (Loriol sur Drome, Franza)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tibdel id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Settembru 2013, fil-Każ R 1253/2012-4, fis-sens li l-oppożizzjoni tiġi miċħuda;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali “Epibac” għal prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 31 — applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 6 861 124

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Millet Innovation SA

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali “EPITACT” għal prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 10

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud parzjalment

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009

### Rikors ippreżentat fl-25 ta' Novembru 2013 — Ratioparts-Ersatzteile vs UASI — Norwood Promotional Products Europe (NORTHWOOD professional forest equipment)

(Kawża T-622/13)

(2014/C 39/41)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ratioparts-Ersatzteile-Vertriebs GmbH (Euskirchen, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Koch, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Norwood Promotional Products Europe, SL (Tarragona, Spanja)

### Talbiet

— tibdel id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell, tal-11 ta' Settembru 2013 (Każ R 1244/2012-2) b'mod li l-oppożizzjoni B 1 796 807 tiġi miċħuda;

— tikkundanna lill-opponenti għall-ispejjeż tal-proċedimenti tal-oppożizzjoni u lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedimenti tal-appell.